**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

## Laqgħa Nru. 63/2017

Data: 6 ta' Frar, 2017

Ħin: 18.30

Post: Uffiċċju Amministrattiv Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera

---

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sa Jane Yvonne Spiteri | - | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati: Ħadd

Assenti: Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

---

## AĠENDA

### 1. Talba

### 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Minuti tas-62 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija.

### 2.1 Korrezzjoni tal-Minuti tas-60 Laqgħa.

2.1.1 Minuta 1 fl-aħħar sentenza wara Is-Sindku jiżdiedu l-kelmiet "f'isem il-kunsilliera"

2.1.2. Minuta 3.1 issir "Il-Kunsillier Darren Carabott informa lill-Kunsill li l-istudji tiegħu

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku:

għadhom għaddejjin u jitlob li jerġa' jkun skużat.

2.1.3 "Minuta 3.1" issir "Minuta 3.2"

2.1.4 "Minuta 3.2" issir "Minuta 3.3"

2.1.5 "Minuta 3.3" issir "Minuta 3.4"

2.1.6 Minuta 3.3 jitneħħa l-artiklu "is-"

2.1.7 Minuta 3.4 titneħħa l-kelma "Nazzjionali" u tiżdied flokha "Nazzjonali"

2.1.8 Minuta 6 titneħħa l-kelma "ittieħdet" u tiżdied flokha "ttieħdet"

2.1.9 Minuta 6 titneħħa l-kelma "Azzjini" u tiżdied flokha "Azzjoni"

## 3. Affarijiet li jitqajmu mill-Minuti

3.1 Minuta 3.2 – Is-Sindku rrefera għall-ftehim li sar mas-Sur Sean Fitz li jirrigwarda *U bars* u r-reklami. Huwa qara u spjega li l-*byelaw* tistipula li sejħa pubblika ssir għal sena filwaqt li meta l-applikazzjoni ssir permezz ta' ittra it-terminu ta' sena ma japplikax. Is-Sur Horace Anastasi oġġezzjona għaliex ried li jeżamina l-liġi bil-Malti wara li s-Sindku kien ippreżenta l-liġi bl-Ingliż. Hawn qamet diskussjoni mqanqla u s-Sindku ppropona li jittieħed vot. Is-Sur Jason Mangani issekonda lis-Sindku u l-vot għadda b'ħamsa (5) favur u tnejn (2) kontra.

F'dan l-istadju s-Sindku qal li ser jgħaddi l-proposta tas-Sur Darren Carabott lill-kuntrattur sabiex il-*bus shelter* issir bħal jew simili ta' ritratt ta'mudell li hu ppreżenta lis-Sindku.

Il-Membri qablu unanimament.

3.2 Minuta 3.4 – Is-Sindku informa li reġa' indaga fuq il-possibilta' li l-karrijiet tal-Karnival jitilqu minn Santa Venera u jibqgħu neżlin lejn il-Ħamrun, iżda dan mhuwiex possibbli ħabba loġistika. Il-Kunsillier is-Sur Jason Mangani ikkonferma dan u qal li hemm ħafna ventijiet tad-dawl u għalhekk impossibbli li l-karrijiet ikunu jistgħu jgħaddu għax issir ħafna ħsara permezz ta' dikjarazzjoni separata.

3.3 Minuta 9.1 – Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-Proġett tal-Kumitat taż-Żgħażagħ m'huwiex kopert mill-permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Għaldaqstant, is-Sindku qal li fil-kuntratt ried idaħħal il-klawsola li huwa "suġġett għall-permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar". Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-Aġenzija Żgħazagħ qablu li tiżdied din il-klawsola. permezz ta' dikjarazzjoni separata

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kif diġa jafu huma l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera jrid joħroġ l-ammont ta' €600 hekk kif inhu stipulat fil-kundizzjonijiet tal-

kuntratt. Apparti dawn is-€600 is-Sindku ppropona li jitħallsu wkoll l-applikazzjoni għall-permessi tal- Awtorita' tal-Ippjanar kif ukoll l-ispejjez tal-Perit.

Il-Kunsillier Silvio Vella, bħala rappreżentant tal-Kunsill Lokali, ser jattendi għal-laqgħa li l-Kunsill taż-Żgħażagħ ser ikollu mal-kuntrattur.

Il-Kunsillier Jason Mangani issekonda lis-Sindku u l-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

3.4 Minuta 9.2 – Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nġiebu tlett (3) kwotazzjonijiet għall-floodlights tal-Ġnien Romeo Romano. Mit-tlett kwotazzjonijiet li kienu mingħand Calleja Ltd, Hydrolectric u ESS Ltd, l-irħas waħda kienet ta' Calleja Ltd. Għaldaqstant, is-Sindku ppropona li l-għażla taqa' fuq il-kwotazzjoni ta' Calleja Ltd.

Il-membri qablu unanimament.

## 4. Korrispondenza

4.1 Is-Sindku informa lill-membri dwar ċirkulari li ħarġet l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali sabiex jiġu identifikati *playgrounds* u jidħlu fi ftehim b'kundizzjonijiet vantaġġjużi għall-manutenzjoni tagħhom.

Il-membri qablu unanimament.

4.2 Is-Sindku ppreżenta ittra flimkien ma' ritratti ta' inċident li ġara fi Triq il-Batterija, Santa Venera nhar l-24 ta' Novembru, 2016. Is-Sur Emanuel Lewis, I.D. 200189M qed jinsisti li l-ħsara saret ħabba nuqqas ta' manutenzjoni tat-triq u għaldaqstant talab kumpens.

Il-membri qablu li nsaqsu dwar x'qed jorbot eżatt il-ftehim

## 5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew ikkoreġuti.

## 6. Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 200 sa lment numru 226.

| | |
|---|---|
| 200 | Ħaddiema Assenjati |
| 201 | Contracts Manager |
| 201 | Grima & Sons u Issir app għal road hump |
| 203 | Grima & Sons |
| 204 | Ħaddiema Assenjati |

| | |
|---|---|
| 205 | Ittra lir-Residenti |
| 206 | Contracts Manager |
| 207 | Contracts Manager |
| 208 | Inġibu 3 kwotazzjonijiet |
| 209 | Ħaddiema Assenjati |
| 210 | Transport Malta u titneħħa dik li hemm |
| 211 | Ħaddiema Assenjati |
| 212 | Contracts Manager |
| 213 | Pendenti |
| 214 | Pendenti |
| 215 | Ħaddiema Assenjati |
| 216 | Transport Malta |
| 217 | Ħaddiema Assenjati |
| 218 | Central Asphalt |
| 219 | Grima & Sons |
| 220 | Ħaddiema Assenjati |
| 221 | Ħaddiema Assenjati |
| 222 | Pendenti |
| 223 | Ħaddiema Assenjati |
| 224 | Grima & Sons |
| 225 | Ħaddiema Assenjati |
| 226 | Ħaddiema Assenjati |

Fis-7.25pm wasal is-Sur Jonathan Brimmer u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

## 7. Ordnijiet tal-ġurnata

**7(a) Quarterly Report Ottubru 2016 – Diċembru 2016**

Is-Sur Christopher Farrugia spjega fid-dettal il-*Quarterly Report* Ottubru sa Diċembru 2016.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament u r-rapport ġie approvat.

**7(b)** F'dan l-istadju is-Sindku spjega li peress li l-Accountant is-Sur Christopher Farrugia wasal biex itemm il-kuntratt tiegħu u li issa l-kuntratt il-ġdid kien intrebaħ minn Dconsulta Ltd, is-Sindku issuġġerixxa li jinxtara kompjuter ieħor sabiex ikun jista' jiġi installat fuqu is-Software Sage. Għaldaqstant għandhom jinġiebu tlett (3) kwotazzjonijiet.

Il-membri qablu unanimament.

F'dan l-istadju fis-19.45 l-Accountant ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

## 8 Minuti ta' Kumitati/Sotto Kumitati

Tpoġġew fuq il-mejda tal-kamra l-minuti tat-tmintax–il laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar l-Gimgħa 3 ta' Frar, 2017 fis-7.00pm.

## 9 Kommunikazzjoni mis-Sindku

9.1 Is-Sindku fakkar lill-membri li għaddejjin bil-proċess biex tiġi ngaġġata Skrivan/a Skala 15. L-Aġenzija Jobsplus baghtitilna lista ta 70 persuna eliġibbli li japplikaw għal dan il-post. Minn din il-lista applikaw 15-il persuna u wara *shortlisting* issejħu sitt (6) applikanti. Saru l-intervisti u attendew biss tlett (3) applikanti. It- tlieta li huma ma għaddewx mill-medja ta' 50%. Għaldaqstant l-Aġenzija Jobsplus intalbet tibgħat il-lista tal-Part 2.

9.2 Is-Sindku fakkar fl-għażla tal-*Plastic Bollards* li jridu jsiru taħt l-arkati tal-akwedott u wera kampjun tal-*Bollards*. Il-membri qablu li jsiru huma sakemm ma jipprovdix suwed.

Il-membri qablu unanimament.

## 10. Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 6 ta' Marzu, 2017 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija.

***Stephen Sultana***
*Sindku*

**Yvonne Spiteri**
*Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 6 ta' Marzu 2017